

Brussell, 7 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13901/18

CT 177
ENFOPOL 540
COTER 150
JAI 1102
FIN 860

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13112/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu: il-Kummissjoni indirizzat il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda hemm xi nuqqasijiet fil-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Novembru 2018)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu: il-Kummissjoni indirizzat il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda hemm xi nuqqasijiet fil-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni", adottati mill-Kunsill fit-3646 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Novembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu: il-Kummissjoni indirizzat il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda hemm xi nuqqasijiet fil-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 13/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu: il-Kummissjoni indirizzat il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, iżda hemm xi nuqqasijiet fil-koordinazzjoni u l-evalwazzjoni"¹.
2. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw lir-Rapport Speċjali u l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tar-Rapport Speċjali.
3. JIRRIKONOXXI l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JAGĦRAF li:
 - jista' jittejjeb il-qafas għall-koordinazzjoni ġenerali ta' azzjonijiet li jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni;
 - jista' jiżdied l-appoġġ prattiku lill-professjonisti u lil dawk inkarigati mit-tfassil tal-politika fl-Istati Membri; u
 - jista' jittejjeb il-qafas għall-valutazzjoni tar-riżultati.

¹ Ir-rapport huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha fuq is-sit web li ġej:
<https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=45801>

4. JILQA' l-azzjonijiet li diġà ttejdu mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tar-Rapport Speċjali, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari tar-rapport finali tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (HLCEG-R). Ir-rapport tal-HLCEG-R ġie adottat fit-18 ta' Mejju 2018, u jistabbilixxi rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar għadd ta' oqsma ta' politika, bħar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, il-kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati fil-livell lokali, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali. Huwa jinkludi wkoll l-istabbiliment ta' Bord ta' Tmexxija biex jiġi żgurat l-involviment aktar mill-qrib tal-Istati Membri dwar l-orjentazzjoni strateġika ta' azzjoni tal-Unjoni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-ħolqien gradwali ta' struttura msaħħa għall-kooperazzjoni u l-appoġġ fil-Kummissjoni².
5. JISTENNA B'INTERESS l-informazzjoni regolari lit-TWP u lil gruppi ta' ħidma rilevanti oħra dwar il-ħidma li għaddejja u l-evalwazzjoni tal-progress li sar taħt il-mekkaniżmu propost għall-kooperazzjoni tal-UE matul l-2019, mal-oġettivi kondiviżi u l-punti ta' riferiment possibbli. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni għandhom jiġu ppreżentati fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Diċembru 2019.
-

² Jekk jogħġbok ara wkoll il-KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL Il-Ħmistax-il Rapport ta' Progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina (10206/18), li fiha l-Kummissjoni tippreżenta t-triq 'il quddiem għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni wara r-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar ir-Radikalizzazzjoni.